MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 1014/1999/1

**Ivan Sant**

**Vs**

**Joseph Abela**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta’ Lm796 a saldu ta’ somma akbar ghal servizzi ta’ residenza, ikel u lezzjonijiet prestati lil diversi persuni fuq istruzzjonijiet tal-konvenut, skond kont dettaljat lill-konvenut mibghut, flimkien mal-interessi kummercjali mill-1 ta’ Lulju 1998, u l-ispejjes.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 5 tal-atti) u li biha eccepixxa bil-qima:-

Illi l-attur irid igib prova ta’ x’relazzjoni kuntrattwali kienet tezisti bejnu u bejn il-konvenut.

Illi l-ammont mitlub mill-attur ma huwiex dovut mill-konvenut de proprio izda se mai minn xi principali tal-istess konvenut.

Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz ma huwiex dovut l-intier.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-nota tal-osservazzjonjiet tal-attur (a fol 71 u fol 72 ibid) u dik responsiva tal-konvenut (a fol 76 u fol 77 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-attur, fix-xhieda tieghu (fol 14 u fol 33 et seq ibid) beda billi qal illi l-konvenut kien talab sabiex “… jiena inzomm dawn it-tfal (ta’ origini Russa) ghandi u din il-proposta giet accettata mill-istess attur minghajr ma saret ebda kitba bejniethom”. L-istess ftehim verbali kien fis-sens illi l-attur kellu jithallas mitt lira Maltin fil-gimgha ghal kull persuna “… u dan in konnessjoni ma’ ikel, residenza u lezzjonijiet fil-lingwa Ingliza”. B’kollox l-attur kien ha hsieb ta’ hames studenti bi tlieta (3) minnhom jirrisjedu mieghu waqt li tnejn (2) jirrisjedu f’xi post iehor. Dwar il-hlas li sar, l-attur spjega illi kien baghat il-kont lill-konvenut kif ukoll kien mar ghandu ghal dan l-iskop u difatti l-istess konvenut kien effettwa pagamenti, kollha permezz ta’ numru ta’ ‘cheques’ iffirmati mill-konvenut, personalment. L-istess ‘cheques’, kollha imsemmijin kienu jammontaw, komplessivament ghal Lm1,700. Inoltre l-attur kien baghat ‘statement’ lill-konvenut wara li saru dawn il-pagamenti. Kopja ta’ dan tinsab esebita a fol 19 ibid. Hawnhekk jidher li l-attur spjega ahjar, dak li di gja xehed u kif testwalment citat ‘supra’. Difatti, hu kien nizzel illi l-ammont miftiehem ta’ Lm100 fil-gimgha ghal kull persuna kien jirreferi ghal “Full board and lodging” & 15 lessons and conversations” in rigward tlieta mill-istudenti waqt li in rigward dawk it-tnejn l-ohra li ma abitawx fil-post tieghu, l-ammont ridott kien ta’ Lm62 fil-gimgha. B’kollox ghalhekk l-ammont globali li kien dovut lill-attur kien jammonta ghal

Lm2496. Wara li kienu saru l-pagamenti akkont kif spjegat kien ghad fadal bilanc dovut lilu ta' Lm796. Hu semma dwar l-istess 'statement' illi wara li kien intbaghat "… ma rcevejt l-ebda risposta". Inoltre l-attur irrileva illi wara l-"primo appuntamento" ta' din il-kawza, hu kien iltaqa mal-konvenut u dan kien qallu "M'hemmx ghalfejn inkomplu. Incempillek u ejja ha nhallsek", liema hlas, pero' ma sarx. Fl-ahharnett, hu esebixxa dikjarazzjoni allegatament maghmula u ffirmata minn wahda mill-istudenti (fol 20 tal-atti). Pero dwar dan il-Qorti sostni li din hi prova inammissibbli skond il-ligi ghal diversi ragunijiet fosthom li din il-persuna ma xehditx "viva voce" quddiem din il-Qorti, li l-istess dokument ma jammontax ghal 'affadavit' kif trid il-ligi u l-istess persuna ma setghetx tkun soggetta ghal kontroll ta' din il-Qorti jew ghal kontro esami daparti tal-konvenut oltre kull konsiderazzjoni dwar l-awtenticita o meno tal-istess dokument.

Ghalhekk l-istess Qorti injorat, ghal kollox, din id-dikjarazzjoni.

Illi l-attur annetta wkoll mal-atti, bhala prova, affidavit ta' Oxana Bachourina) (fol 26 u fol 38 ibid). Pero anke f'dan il-kaz, dan id-dokument gie injorat u skartat mill-istess Qorti, peress li kien hemm l-impossibilita li jsir il-kontro esami ta' dan ix-xhud da parti tal-konvenut in vista li l-istess persuna kienet telqet minn Malta ghal pajjiz li baqa' injot. (ara ukoll fol 32 tal-istess atti). Waqt li, meta kienet f'Malta, qatt ma ingiebet quddiem din il-Qorti ghall-istess skop.

Illi l-attur gie riprodott, in kontroesami (fol 33 u fol 34 ibid) u dan spjega illi kien jaf certa "Alona" bhala s-'segretarja tal-konvenut' u l-inkarigiu kien gie moghti lilu, in rigward dan il-kaz, mhux minn din il-persuna izda mill-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, fix-xhieda tieghu, jsostni illi certa Aliona Elizarova "… giet hawn Malta biex teihu kors (tal-Ingliz) ghand l-attur u jiena hallastu. Din eventwalment, damet hawn Malta sabiex taghmel kors ta' interpretu u, difatti,

"Bhala interpretu l-istess tfajla kienet tahdem mieghu". Oltre li taghmel xoghol iehor billi ggib studenti ohrajn sabiex jistudjaw l-istess lingwa hawn Malta kif ukoll turisti. Dwar dan, il-konvenut jghid illi hu kien silef kamra fl-ufficju tieghu lill-istess tfajla sabiex hi u siehbitha tkun tista' tizvolgi x-xoghol taghha billi ggib studenti jew turisti mir-Russja. Dawn kienu juzaw l-isem ta' 'L-Imnarja Voyage' bhala 'trade name' ghal dan il-ghan (ara fol 49 ibid) u kienu jircievu flus minn barra minn Malta billi dawn jigu depositati f'kont bankarju tieghu. Ghalhekk, skond il-konvenut kien minnu illi ghamel pagamenti lill-attur izda "hafna' minn dawn kien ghamilhom "… fuq struzzjonijiet li tawni Aliona Elizarova u s-siehba taghha". Dwar dan il-konvenut kien dejjem jghid lill-attur, meta kien jigi dan sabiex jithallas illi kellu "irranga ma' Aliona" in vista li din kienet qalet lill-konvenut li kellha xi kontestazzjoni mal-attur dwar xi skont. In <u>kontro esami</u>, l-konvenut stqarr illi kien hallas lill-attur permezz ta' diversi "cheques".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, sintetizzati l-provi li fil-fehma tal-istess Qorti huma dawk rilevanti u ammissibbli f'din il-kawza, jidher b'mod car illi effettivament, il-ftehim verbali msemmi sar, kif qed jsostni l-attur, bejnu u l-konvenut, personalment. Dwar dan, l-aktar prova cara tikkonsisti fil-fatt illi l-konvenut kien qed jeffettwa pagamenti akkont, permezz ta' "<u>cheques" mahrugin favur l-attur mill-istess konvenut, personalment</u> u mhux fuq isem xi kumpanija (ara ghal kull bon fini x-xhieda ta' <u>Nathalie Farrugia</u> u <u>id-dokumenti</u> esebiti minnha, a fol 64 sa fol 67 ibid). Jigi rilevat illi f'kazijiet bhal dawn in esami, ghandu jirrisulta, b'mod car mill-provi illi persuna ma kienitx qed tagixxi f'isimha izda f'isem terza persuna jew legali jew naturali. Mill-provi kif di gja nghad, dan ma giex pruvat, fuq bazi ta' probabilta, mill-konvenut u ghalhekk dan tal-ahhar ghandu jigi konsiderat bhala li kien qed jagixxi, f'isem proprju, meta ghamel il-ftehim verbali, in desamina mal-konvenut.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk l-ammont mitlub ghandu jithallas mill-konvenut “proprio” bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-avviz in ezami trattasi, fil-fehma tal-Qorti bhala dejn civili u mhux kummercjali.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm796 ossija €1854.18 bl-imghax legali mit-2 ta’ Lulju 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------